



Brussell, 21 ta' April 2026  
(OR. en)

8102/26

**LIMITE**

**ECOFIN 448**

**RELEX 483**

**COEST 284**

**FIN 518**

**CSC 230**

**ECB**

**EIB**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna  
fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj>.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Ewropew qabel li jipprovdi self lill-Ukrajna ta' EUR 90 biljun għas-snin 2026 u 2027. Il-Kunsill Ewropew qabel ukoll li permezz ta' kooperazzjoni msaħħa f'konformità mal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kwalunkwe mobilizzazzjoni ta' riżorsi tal-baġit tal-Unjoni bħala garanzija għal dak is-self ma jkollhiex impatt fuq l-obbligi finanzjarji taċ-Ċekja, l-Ungerija u s-Slovakkja. Fl-istess data, 25 Stat Membru qablu li dak is-self jenħtieġ li jitħallas lura mill-Ukrajna biss wara li jiġu riċevuti riparazzjonijiet tal-gwerra. Sa dak iż-żmien, l-assi tal-Bank Ċentrali tar-Russja se jibqgħu immobilizzati u l-Unjoni tirriżerva d-dritt li tagħmel użu minnhom biex tħallas lura s-self, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali.
- (2) Fid-29 ta' Jannar 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/258<sup>2</sup>, li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna. Sussegwentement, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2026/467.
- (3) Fi Frar u Marzu 2026, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) kellhom diversi skambji mal-gvern tal-Ukrajna biex ifittxu informazzjoni dwar il-ħtiġijiet projettati ta' finanzjament u difiża tal-Ukrajna għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/258 tad-29 ta' Jannar 2026 li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna, ĠU L, 2026/258, 2.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2026/258/oj>.

- (4) Fl-24 ta' Marzu 2026 l-Ukrajna ppreżentat formalment l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2026/467. Fis-26 ta' Marzu 2026 l-Ukrajna ppreżentat verżjoni riveduta tat-tabelli annessi mal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna. L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ttiprovdi dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u s-sorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' difiża u l-assistenza militari *in natura* għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni evalwat l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2026/467. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni aġixxiet kemm jista' jkun f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni evalwat il-kompletezza, il-fattibbiltà u l-koerenza tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna mas-suppożizzjonijiet sottostanti.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni evalwat il-konsistenza tal-informazzjoni li tinsab fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ma' sorsi esterni. Fi Frar u Marzu 2026, il-Kummissjoni kkonsultat il-Fond Monetarju Internazzjonali dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament ipprojetati tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni u s-SEAE kkonsultaw ukoll ma' esperti tal-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna u tal-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna.

- (8) Il-Kummissjoni evalwat ukoll il-konsistenza tad-diskrepanza mistennija fil-finanzjament estern tal-Ukrajna li għaliha teħtieġ għajnuma, mad-distribuzzjoni indikattiva tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna stabbilita fl-Artikolu 7(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2026/467.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni u s-SEAE evalwaw il-konformità mal-prekundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, l-Ukrajna tkompli ssostni u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Iż-żamma u r-rispett tal-istat tad-dritt se jinkludu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
- (10) Abbażi tal-valutazzjonijiet msemmija fil-premessi (5) sa (8), f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni tat valutazzjoni pożittiva tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ppreżentata mill-Ukrajna. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni pożittiva tiġi approvata u jenħtieġ li l-ammonti ta' assistenza li għandhom isiru aċċessibbli għall-Ukrajna biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna jiġu ddeterminati f'din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2026/467.
- (11) L-ammonti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma allinjati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2026/467.

- (12) L-għajnuna li għandha ssir aċċessibbli fil-qafas tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna se tiġi ffinanzjata permezz ta' teħid ta' self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2026/467.
- (13) Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2026/467, l-ammonti tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna li għandhom isiru disponibbli fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni ġew iddeterminati abbażi tad-diskrepanza fil-finanzjament estern mistennija tal-Ukrajna għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026, filwaqt li tqiesu l-kontribuzzjonijiet disponibbli u mistennija minn donaturi oħra. L-ammont totali ta' EUR 45 000 000 000 ma jaqbiżx l-ammont massimu previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2026/467. Meta ġew determinati dawk l-ammonti, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ġiet stabbilita f'livell li jqis il-kontribuzzjonijiet ta' donaturi internazzjonali oħra, biex hekk tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tal-piż biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna.
- (14) Skont l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, EUR 16 700 000 000 huma intiżi għall-assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-iskop stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467 jew għall-assistenza baġitarja fil-forma ta' self li se jiġi implimentat taħt il-Faċilità għall-Ukrajna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewrope u tal-Kunsill<sup>3</sup>, u EUR 28 300 000 000 huma intiżi għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2026/467.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

- (15) Barra minn hekk, għall-finijiet tal-assistenza baġitarja, id-determinazzjoni tal-ammonti tirrifletti valutazzjoni tal-modalitajiet ta' finanzjament xierqa, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-urġenza tal-bżonn ta' finanzjament. Fuq dik il-bażi, jenħtieġ li jiġu pprovduti EUR 8 350 000 000 fil-forma ta' self implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792 u EUR 8 350 000 000 bħala assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-iskop stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467.
- (16) Fid-dawl tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u ta' prudenza, jenħtieġ li l-iżborżi ma jsirux qabel ma tkun disponibbli garanzija tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna. Huwa mifhum li l-iżborżi ser isiru minn ammonti mislufa skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata skont l-Artikolu 224 ta-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> u li, minħabba r-rabta intrinsika bejn il-kapaċità għas-self u l-possibbiltà għall-iżborż, sakemm tali garanzija ma tkunx disponibbli, jenħtieġ li l-ammonti relatati mas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna ma jkunux inklużi fl-iskeda ta' pagamenti mistennija għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' self skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikati.
- (17) Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-Ukrajna u l-urġenza tas-sitwazzjoni kkawżata mill-gwerra li għaddejja, bil-ħsieb li jitħaffef il-proċess, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

## *Artikolu 1*

### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna*

Il-valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Marzu 2026 hija b'dan approvata. Dik il-valutazzjoni abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2026/467 hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

## *Artikolu 2*

### *Ammont ta' assistenza disponibbli għall-Ukrajna*

1. L-assistenza fl-ammont sa EUR 45 000 000 000 għandha ssir aċċessibbli għall-Ukrajna biex tassisti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna. Jenħtieġ li dik l-assistenza tkopri l-bżonnijiet ta' finanzjament identifikati mill-Ukrajna fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026.
2. L-assistenza ma għandhiex tiġi zborzata qabel ma tkun disponibbli garanzija għas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna.
3. F'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2026/467, l-assistenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir aċċessibbli kif ġej:
  - (a) sa EUR 8 350 000 000 għall-assistenza baġitarja fil-forma ta' self li għandu jiġi implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792;

- (b) sa EUR 8 350 000 000 għall-assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-iskop stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467;
- (c) sa EUR 28 300 000 000 għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2026/467.

### *Artikolu 3*

#### *Pagamenti parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja*

1. L-assistenza li ssir aċċessibbli bħala assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-iskop stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467 għandha tingħata f'massimu ta' tliet pagamenti parzjali.
2. Il-valur indikattiv tal-pagamenti parzjali msemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun kif ġej:
  - (a) l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 3 200 000 000;
  - (b) it-tieni pagament parzjali ta' EUR 3 700 000 000;
  - (c) it-tielet pagament parzjali ta' EUR 1 450 000 000.

*Artikolu 4*  
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*